**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 33

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 33 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 15 ta'Lulju 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout 15 ta' Lulju, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Alfred Bray Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Online

- Graziella Galea Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Laqgħa bdiet 17.30pm

**33.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**33.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (32)**

Il-Minuti 32 ġew approvati kif tressqu.

**33.3 Punti mill-minuti**

**Bolt Malta** - Fit-18 ta' Ġunju, 2021 inżammet laqgħa bejn id-diriġenti ta' Bolt Malta u l-avukat tagħhom u l-kunsill rappreżentat mis-Sindku Alfred Grima u l-Viċi Sindku Carlos Zarb, bis-Segretarju Eżekuttiv Ms Mariella Strout tkun preżenti f'waqtiet mill-laqgħa. Fejn il-kumpanija fehmu l-preokkupazzjoni tal-kunsill rigward sewqan u tpoġġija ta' scooters fuq il-bankini li ma humiex attrezzati għall-attivita simili. Qablu, li Bolt Malta tikteb lill-uffiċju ġenerali ta' l-istess kumpanija biex jiġu rrekordjati serje ta' kmandi bil-vuċi li jkopru kwisjonijiet ta' sewqan u pparkjar. Lesti ukoll sabiex flimkien mal-kunsill jagħmlu kampanja edukattiva dwar is-suġġett.

**Ftehim LESA u Kunsill**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-ftehim bejn mall-LESA għad irid jiġi ffirmat.

**Ġbir ta' riċiklaġġ**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-Green MT għadd trid tikkoreġi l-klawsola relatata mal-ġranet tal-ġbir ta' l-iskart fejn wara l-istess ftehim jeħtieġ li jiġi mogħddi lid-DLG.

**Sirens access road**



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Il-kunsill irċieva l-istatut mingħand il-Klabb u għaldaqstant dan se jagħddi għand in-nutar.

**Software**

Il-kunsill se jikkunsidra li jagħmel użu għas-software offrut mingħajr ħlas mir-Reġjun Tramuntana.

**33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Riżenja** –

Il-kunsill irċieva ir-riżenja mingħand skrivana fi gradd EO li kienet qeda taħt prova. Għaldaqstant se tiġi kkuntatjata dik il-persuna li jmiss fil-lista skond kif ġie deċiż mill- kunsill. Is-Sindku ressaq mozzjoni biex tinħareġ mill-ġdid l-applikazzjoni f'każ li ħadd minn dawk eleġibbli ma juri nteress fl-impjieg.

Il-Vi`i Sindku issekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem con

**Memorandum Dwar Tneħħija Ta' Ħaxix Selvaġġ**

L-Assoċjazzjoni tat-trobbija tan-naħħala resqet rikjesta biex il-kunsill jiffirma ftehim (MOU) li biħ jintrabat li ma jneħħix il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali qabel il-31 ta' Mejju ta' kull sena. Fost diversi raġunitajiet hemm, li l-fjuri ta' dan il-ħaxix jiffjorixxu fl-istaġun tar-rebbiegħa. Bhekk dan iservu bħala sors ta' nectar u pollen għal ħafna fawna fosthom in-naħla tal-għasel. Minħabba l-urbanizzazzjoni tal-pajjiż dawn is-sorsi ta' ikel qed isiru iktar skarsi b'detriment dirett fuq l-eżistenza tad-dakkara.

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li politika simili ila addottata mill-kunsill għall-aħħar sentejn, fejn il-haxix tat-toroq qed jinqata biss meta jidher li se jinħoloq perikolu jew jinxef.

Il-kunsill approva li jiġi ffirmat il-ftehim bil-kundizzjoni li s-saħħa u s-sigurta tingħata prijorita assoluta.

**Attivita' tal-Milied 2021**



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Dolmen Resort offrew ftit spazju fejn il-kunsill jista itella xi attivita' tal-Milied. Jekk il-KLSPB huwa interessat, lest li jiltaqa' ma min huwa konċernat mill-attivitajiet.
Il-kunsill wera l-apprezzament tiegħu

**Stedina lis-Sindku mill-President tar-Repubblika l-Eccellenza tiegħu Dr.George Vella**

Is-Sindku Alfred Grima nforma li flimkien mas-Sindki tar-Regjun Tramuntana kien mistieden biex jattendi laqgħa fl-14 ta' Lulju, 2021. It-temi priċipali kienu tisħieħ ta' l-għaqda nazzjonali u l-Community Chest Fund. Ippreżenta lill-kunsill żewġ kotba abbinati mal-100 sena storja tal-Kostituzzjon għan-nom ta' l-Eċċellenza President tar-Repubblika.

**Skema tal-LESA**

Il-kunsill irċieva 21,625.86 Euro mil-iskema tal-LESA għall proġett tal-Ġnien Millenjum

**Intersport 10k Road Running Race**

Emvigee PR & Marketing ressqet rikjesta għal no objection tal-kunsill biex fil-5 ta' Settembru 2021 tinżamm tellieqa ta' 10 kilometri li tibda u tispiċċa fit-Triq Burmarrad.
Il-kunsill approva bil-kundizzjoni li t-traffiku ma jiġiex affetwat.

**Kajjik f' Triq il-Pwales**

Il-kunsill irċieva suġġeriment biex kajjik qadim li ilu snin kbar mitluq fi triq il-Pwales jiġi rrestawrat u jitpoġġa bħala attrazzjoni fil-lokalita. Is-Sindku Alfred Grima nforma li hu tkellem personalment mad-Direttur tal-kumpanija AJD Fisheries fejn minn naħa tiegħu aċċetta li l-kumpanija tagħhom tagħmel tajjeb għat-tiswijiet meħtieġa. Ippropona, li l-kunsill jikkummissjona statwa ta' sajjied biex tikkumplimenta x-xogħolijiet ta' restawr u jitpoġġew bħal attrazzjoni fil-lokalita. Dan isir b'dedika lejn ħidmet is-sajjieda.
Il-kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem con.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**33.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsilliera Anne Fenech staqsit lis-Sindku;

Kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet ingħataw relatata mal-Bye-Law ta' alkoħol?

**Risposta:** Is-Sindku Alfred Grima irrisponda, illi, kif Il-Kunsilliera Anne Fenech taf, il-kunsill ma għandu x'jaqsam xejn ma l-infurzar ta' liġi, għaldaqstant il-kunsill se jkollu jiddependi fuq informazzjoni mgħotija minn entitajiet oħra. Ċert, li l-introduzzjoni tal-Bye-Law għenet bil-kbir biex titnaqqas imġieba anti-soċjali mit-toroq. Ressaq rikjesta lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lil dawk konċernati.

Il-Kunsilliera Graziella Galea fakkret li ma rċevitx risposta għall-mistoqsijiet dwar il-boroż griżi għall-ġbir ta' skart riċiklabbli li ntbagħtu sabiex jiġu mwieġba waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsit lis-Sindku;

B'referenza għax-xogħolijiet li saru f'Ta' Fra Ben, x'kienu jinvolvu dawn ix-xogħolijiet? Meta ddeċieda l-Kunsill dwar dawn ix-xogħolijiet?

**Risposta:** Is-Sindku Alfred Grima qal li l-aħħar xogħolijiet li saru mill-Kunsill fl-akkwati ta' Ta Fra Ben kienu r-rinovar tal-latrina pubblika u twaħħil u tpoġġija ta' bollards hekk kif approva li jsir il-kunsill fid-19 il-laqgħa li nżammet fis-16 ta' Lulju, 2020.

Rigward il-petizzjoni dwar ir-raba– tal-Pwales, jista l-kunsill jiġi nfurmat jekk il-Kunsill bagħatx il-korrispondenza kif deċiza mill-Kunsill u jekk irċeviex risposta?

**Risposta:** Infurmat, li l-korrispondenza li kella tintbagħat minn naħa tal-kunsill intbagħtet u l-ebda risposta għada ma waslet.

Wara l-email li rċivejna aħna l-kunsilliera fejn ġejna nfurmati li l-Mitħna ta' taħt l-art fix-Xemxija nstabet miftuħa; x'azzjoni ttieħdet mill-kunsill lokali u għand min kienu ċ-ċwievet?
**Risposta:** Ninforma li mmedjatament wara li l-kunsill ġie nfurmat, ittieħdu l-azzjonijiet neċessarji fejn instab li l-katnazz tal-grada ta' barra ġie sgassat. Biss, il-bieb ta' ġewwa kien intatt.

Kemm kien l-ammont ta' ċitazzjonijiet li ngħataw relatati mal-iskart?
**Risposta:** Ir-risposta lill-kunsilliera Anne Fenech tgħodd għal din ukoll.

**33.6 <u>Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti</u>**

**33.6.1 Rapport ta'Audited Financial Report 2020**
L-accountant tal-kunsill, Ms Romina Perici Ferrante, tagħt spjegazzjoni dwar id-dokument imressaq quddiem il-kunsill.

**33.6.2** Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova l-Audited Financial Report 2020. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni.

Favur: Is-Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Carlos Zarb, Kunsilliera Alfred Bray, Anthony Delia, Paul Bugeja, Daryl Connor, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anne Fenech

Astenzjoni: Kunsilliera Graziella Galea, Anthoinette Bezzina, Chris Vella Petroni, Anthony Attard

Il-kunsill approva.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**33.6.3 Rapport ta' Q2 Financial Statement 2021**

Is-Sindku Alfred Grima ippropona li r-rapport Q2 Financial Statement 2021 jerġa jitla għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss dan minħabba li d-dokument inkwistjoni wasal il-kunsill fl-istess jum tal-laqgħa.

Il-kunsill approva nem con.

Il-kunsillier Alfred Bray talab sospenzjoni ta' l-aġenda biex tiġi diskussa item 33.7 Għorfa Tradizzjonali Maltija f'Sqaq ta' Xama. Is-sekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb. Il-kunsill approva nem.con. Referenza Item 33.9 ta' dawn il-Minuti

18.10 Il-Kunsillier Mario Salerno daħal għall-laqgħa.

**33.7 Item Ambjent Lokali**

Is-Sindku qal li diversi fatturi qedin iħallu mpatt negattiv fuq ħidmet il-kunsill fejn jirrigwardja l-ambjent fil-lokalita.Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li tingħata nformazzjoni biex bhekk tgħin jittieħdu d-deċiżżjonijiet li mill-kunsill biex jgħinu tittejjeb is-sitwazzjoni.

**33.7.1: Bye-Law "Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalita"**

Hemm ħtieġa li l-kunsill jaddotta Bye-Law li tipprojbixxi għalf lill-ħamiem.

Is-Sindku Alfred Grima ippropona li l-kunsill jaddotta l-Bye-Law 41/1/2007 Kontroll tal-Ħamiem, maħruġa mill-Kunsill Lokali Imsida kif emendat bl-avviz legali 425 ta' 2007 kif issuġerit mill-AKL u d-DLG. Il-Mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Delia li minn naħa tiegħu ressaq emenda biex mal-kelma ħamiem selvaġġ jiżdiedu l-kliem "u/jew tajr selvaġġ ieħor".

Il-kunsill approva kemm il-mozzjoni kif ukoll l-emenda nem con dejjem sakemm din l-emenda tkun tirrispetta l-liġi.

**33.7.2: Installazzjoni ta' CCTv's**

Il-kunsill ġie nfurmat li apparti il-kamera fi triq Port Ruman, ġew installati 2 cctv's fi Triq il-Boxxla u Triq J.Quintinus. B'kull waħda teħtieġ xiri ta' arblu, kaxxi IP67 u earth electrode, meter tad-dawl u internet. Ġew approvati xiri ta' 8/10 cctv's ohra ghal diversi postijiet fosthom għall-Ġnien il-Millenjum skond dak deċiż fl-ewwel laqgħa ta' dan il-kunsill. Il-kunsill qed juża t-tender tar-Reġjun Tramuntana għal dan il-għan.

**33.7.3: Ftehim bejn il-Kunsill u l-LESA**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna mingħand il-LESA.

**33.7.4: Ġbir ta' skart riċikabbli**

Intqal, li kienet il-kumpanija Green MT biss, li uriet interess biex tiġbor l-iskart riċikabbli. Dan il-fatt idagħjjef il-pożizzjoni tal-kunsill kull meta xi kuntrattur ma jonorax il-ftehim. Issemma, li legalment kuntrattur għandu obligu li jiġbor biss lis-skart imqiegħed fil-borża il-griża u xejn aktar. Dwar il-boroz griżi ssemma dawn l-anqas kienu jiffurmaw parti mill-offerta oriġinali ta' Green MT.

**33.7.5: Ġbir ta' skart organiku**

Jirriżulta li l-organic qed jintefa taħt l-iskart kollu bil-konsegwenza li l-kollettur mhux jinnutaħ. F'każi ċari li jkun hemm nuqqas simili l-kuntrattur qed jintalab imur jiġbru fl-istess jum. Issemma li f'ċertu żoni bħal Wardija l-iskart organiku mhux jinġabar skond l-iskeda.

**33.7.6: Ġbir ta' skart imħallat**



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Intqal li l-problema prinċipali hi li l-ebda vettura ma hi qed titħalla tidħol tħott fil-faċilita tal-Maghtab jekk jinstab li l-boroż suwed ikollhom materjal organiku jew kartun. Wasteserve ukoll qeda timmulta lill-Kunsilli u lill-Kuntrattur fejn jinstab li dawn ħattew xi t-tip ta' materjal simili.Is-Sindku qal li din tikkuntrasta bil-kbir mal-liġi fejn is-separazzjoni ta' l-iskart ma hijiex obligatorja. Inforrma, li flimkien ma oħrajn hu qed jara l-legalita ta' din il-prassi għax jidher li ma hemm l-ebda bażi legali li tagħti dan il-poter lill-Wasteserve. Issemma li f'ċertu żoni bħax-Xemxija l-iskart imħallat qed jinġabar wara nofsinhar.

**33.7.7: Servizz ta' ġbir ta' kartun mill-ħwienet**

Intqal li GreenMT ma laqawx proposta imressqa mill-kunsill biex jerġa jibda jingħata servizz ta' ġbir ta' kartun mill-ħwienet għax qalu li s-servizz preżenti huwa suffiċċjenti. Dan meta sa ftit jiem ilu biss il-kunsill ġie nfurmat li lot kbir ta' kartun se jitħalla fit-triq San Pawl u l-madwar minħabba li t-trakkijiet intlew.

**33.7.8: Servizz ta' knies**

Bil-ħsieb li jsir titjib fis-servizz wara li kien hemm diversi lmenti li l-knis mhux qed isir kif suppost, il-kuntrattur,. qabel li jibda jaħdem b'żewġ xiftijiet wieħed fil-għodu u ieħor fil-għaxija bi prova. Dan mistenni jgħin lill-kunsill f'każ ta' emerġenza fil-għaxija. Inqal li s-servizz jibqa jingħata skond il-vijabilita finanzjarja u skond kemm se jiżdiedu l-ispejjes għall-kuntrattur relatati ma pagi u rimi ta' skart.

**33.7.9: Servizz ta' qtugh ta' ħaxix f'toroq mhux urbani**

Il-kunsill ġie nfurmat li minħabba proċeduri fil-qorti mhux possibbli li fil-preżent tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid kif iddeċieda li jsir il-kunsill. Mill- banda l-oħra l-kumpanija li għanda l-irħas kwotazzjoni mhux qed toffri servizz effiċjenti,

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

la fiż-żiem u l-anqas fil-kwalita tax-xogħol fejn spiċċat ukoll għamlet ħsara f'diversi ħitan as-sejjieħ privati.

Minħabba dawn ir-raġunijiet kif ukoll biex jiġi eliminat il-perikolu, is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jagħti x-xogħolijiet lill-kumpanija/individwu li tefaw it-tieni l-irħas offerta. Is-Sindku kkonferma li jekk isir hekk legalment il-Kunsill ikun korrett. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Anthony Delia. Il-kunsill approva nem con.

**33.7.10: Avviz Legali 146 tal-2021 – Pubblikat 9 ta' April,2021**

L-avviz legali 146 tal-2021, Art 10 (1) jobliga lill-kunsill lokali biex jalloka spazju fil-lokalita ta' recycling points għall-ġbir ta' skart separat tal-karta, metall; plastik; ħġieġ; bijoskart għal kull 2,000 abitant. Dan ifisser 16.il-sit. L-ebda kontenitur għall-ġbir ta' skart imħallat ma għandu jitqiegħed fir-recycling points. Issemma, li dan l-avviżż inħareġ meta d-diskussjonijiet dwar ir-riforma għada għaddejja. Il-kunsill iħoss, li jekk dan l-avviżż legali jiġi attwatt fl-intier tiegħu se jinħolqu 16 il-sit ġdid ta' miżblit madwar il-lokalita. Dan fid-dawl li l-infurzar ta' liġijiet huwa prattikament ineżistenti u li c-cctv's ma humiex iservu ta' detriment għal kull min jabbuża u jitfa skart imħallat.Is-Sindku Alfred Grima nforma li fil-jiem li ġejjien il-Ministru tat-Turizmu l-Onor Clayton Bartolo mistenni jħabbar inizzjattivi ġodda li se jħallu effett pożittiv fuq il-lokalita b'mod ġenerali fejn jirrigwardja l-indafa pubblika. Dan se jseħħ grazzi għas-suġġerimenti li tressqu waqt diversi taħdidiet. Informa ukoll li l-Contract Manager tal-kunsill ħejja rapporti dwar is-servizzi offruti.

19.30 Il-KunsiIlier Alfred Bray skuża ruħu u ħareġ mill-laqgħa.

19.32 Il-KunsiIlier Stephen Cremona skuża ruħu u ħareġ mill-laqgħa.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

**33.8 Item Traffic Management Plan – Works at Telghet ix-Xemxija**

Il-Water Services Corporation avżatt li qed tanticipa li bejn Marzu u Ġunju 2022 mistennija li jinbdew xogħolijiet estensivi ta' bdil ta' mejnijiet tad-drenaġġ u ilma bejn il-Pwales u Triq Telgħet ix-Xemxija. Qed jantiċipaw li dawn jieħdu sena biex jitlestew.
Il-kunsill wera l-preokkupazzjoni tiegħu għat-tul ta' żmien li se jiħdu x-xogħolijiet inkwistjoni li jfisser diffikultajiet għar-resident, negozji u l-lokalita ġenerali. Il-kunsill huwa totalment kontra l-pjan propost li t-traffiku jiġi ddevjat għal qalba tax-Xemxija minn triq ir-Ridott għal Triq Raddet ir-Roti. Jistenna, li tiġi nstallata sistema temporanja ta' traffic lights għar-residenti tax-Xemxija biss, biex f'kull ħin tal-ġurnata jkollhom aċċess liberu għal djarhom. L-istess qed jiġi propost li jsir għar-residenti tal-Limbordin minħabba li t-triq se tiġi one-way titla lejn il-Mellieħa.
Fejn u jekk meħtieġ il-kunsill lest li joħroġ permess speċjali ta' awtorizżazzjoni. Il-fatt li mill-Limbordin mistenni li jagħddi ammont kbir ta' traffiku, il-kunsill jistenna ukoll li l-entita risponsabbli minn dawn ix-xogħolijiet tagħmel tajjeb biex tissaħħah il-provista tad-dawl fl-inħawi bħala mezz akbar ta' sigurta għas-sewwieqa li jgħin ma jsirux aċċidenti.

**33.9 Item Għorfa Tradizzjonali Maltija f'Sqaq ta' Xama**

Ms A.Spiteri kitbet lill-kunsill biex issib appoġġ biex binja li allegatament kienet "Għorfa"u li tinsab parzjalment fi triq skedata li titwessa ma titwaqqax hekk kif iddettat li jsir mill-Awtorita ta' l-Ippjanar. Ta' l-istess opinjoni huwa s-Supretendent tal-wirt kulturali u r-resident s-Sur Oliver Mallia li bagħt email lill-kunsill.
Il-kunsill talab ir-reazzjoni ta' l-iskola ta' San Pawl il-Baħar, tal-Malta Young Sailors Club u tal-kumpanija tal-coaches li jwasslu lill-istudenti fl-imsemmiegħa skola.
TM infurmaw li bidla fl-allinjament tat-triq teħtieġ li tagħddi minn proċess formali ta' applikazzjoni għal kontroll ta' l-Ippjanar fejn TM tiġi kkonsultata. Qalu ukoll li mill-att ta' immaniġjar ta' traffiku huwa ċar li t-traffiku se jipproċedi ferm aħjar mingħajr bini.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Peress li qed tintalab il-pożizzjoni ta' TM minn aspett ta' sigurta kkuppjaw lill-ITSD peress li dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati minn naħa tagħhom. Is-Surmast ta' l-iskola ta' San Pawl il-Baħar qal li huwa ta' tħassib il-fatt li l-binja tinsab tisporġi l-barra f'din it-triq tidjiq minn fejn jghaddu jsuqu l-kowcis. Il-kumpanija Paramount Coaches qalet li bla dubju li t-twaqqieħ tal-binja qadima jgħin biex it-traffiku jiċċirkola aħjar u b'mod sigur. Bħal issa, bit-triq dejqa tillimita li dan isir. Sal-ħin tal-laqgħa l-kunsill ma rċeviex risposta mingħand il-Malta Young Sailors Club. Issemma l-fatt li l-liġi tobbliga lill-kunsill li jsir bankina fuq kull naħa bil-konsegwenza li t-triq tiġi ċirka ta' żewġ metri.
Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ressaq mozzjoni li tgħid; "li l-kunsill huwa favur il-ħarsien tal-wirt kulturali lokali, biss, dan ma għandux iseħħ għas-skapitu tas-saħħa u s-sigurta tal-persuni. Għaldaqstant, u minħabba li l-binja nkwistjoni tinsab tisporġi l-barra f'nofs ta' triq, il-kunsill ma jistax jappoġġja r-rikjesta mressqa quddiemu imma qed jiġi propost li possibilment l-binja tiġi rilokata f'post ieħor fejn il-kunsill lest jagħti l-assistenza tiegħu. Il-kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

**33.10 Item Korsijiet tal-Kompjuter**

Il-kunsill iddiskuta l-ħsieb li jiġi organiżżat kors ta' l-ECDL għal persuni t'eta minn 16 sena il-fuq fejn dawk li jattendu sa mhux anqas minn 90% tal-lezzjonijiet u jpoġġu għall-eżamijiet marbuta mas-suġġett inkwistjoni jiġu sponsorjati b'xi mod. Il-kunsill qabel li d-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss u wara li jsiru l-verifiki neċessarji.
Kien hemm qbil dwar dak suġġerit. .

**33.11 Item: Pjan ta' Immanniġjar ta' Traffiku**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill joħroġ sejħa pubblika biex jitfassal pjan għall-immanniġjar ta' traffiku fil-lokalita'b'mod speċjali għall-Qawra, Buġibba u San Pawl il-Baħar fejn il-kunsill għandu jagħmel l-almu tiegħu biex jinkisbu



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

fondi addizzjonali għal dan l-għan. Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva nem con.

**33.12 Item: Xiri ta' Servizz ta' Tabib**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-xiri ta' servizz ta' tabib.

**33.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżżi.**

Skeda ta' pagamenti

Lis-skeda ta' pagamenti ġiet approvata hekk kif tressqet bl-eċċezzjoni li l-pagament 569 jinżamm sa kemm jiġi vverifikat.

**33.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.30 fejn ġiet aġġornata għall-Ħamis 31 ta' Awwissu, 2021fil -17.30

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera– Councillors: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout